MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2013

Numru. 451/2013

**SPETTUR MARIO TONNA**
**KONTRA**
**FILIPPO MAZZA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Filippo Mazza ta’ 54 sena, bin Carmelo u Giuseppa nee’ Blundo, mwieled fis- 16 ta’ April 1959 gewwa Ragusa u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru AS4693770;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) Fl- 10 ta’ Mejju 2013 gewwa it- territorju tal-Portijiet ta’ Malta kien xjentement fil- pussess u taht il-kontroll kif ukoll laqa’ ghandu, zamm jew kellu x’ jaqsam b’

xi mod fic- cirkulazzjoni/importazzjoni u jew bejgh ta’ speci protetti u cioe’ fkieren;

2) Aktar talli fid- data fuq imsemmija u jew f’ xi data qabel, importa jew dahhal jew kellu x’ jaqsam f’ illi jigu importati jew imdahhla f’ Malta dawn il- fkieren, pesticide/Insetticida Concentrato u fkieren ohra, li taghhom hija projbita l- importazzjoni jew li l- importazzjoni taghhom hija limitata waqt li kien qed jaghmel dan b’ vettura tal- ghamla Renault Kango ta’ numru tar-registrazzjoni BD 447HYCT;

3) Aktar talli nhar l- 10 ta’ Mejju 2013 dahhal f’ Malta, qieghed fis- suq, innegozja u/jew importa fit-territorju tad- dwana tal- Komunita prodotti bijocidali;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l- Artikoli 8 tal- LS 504.64, 60(a)(b), (c)(k), 62(a)(b)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1) u 69(1)(2) tal- Kap 37, Regolamenti 9, 10, 31(1)(b), 32 u 39(1) tal- AL 525/2010 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta’ hames mitt ewro (€500).

Tordna l-konfiska tal- oggetti esebiti f' idejn il-Kontrollur tad- Dwana.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------